**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 102/2015**

**Philip Bugeja**

**vs**

**Illiev Prokop**

**Illum, 26 ta' Mejju, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. illi permezz ta' skrittura privata datata hamsa ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (05/06/2015), ir-rikorrenti kera lill-intimat il-fond urban Jean Flats, Flat 7, Triq it-Tempesta, Bugibba ghal perjodu ta' tnax (12) il-xahar, b'dan illi l-istess fond kellu jintuza' mill-intimat bhala fond residenzjali, liema skrittura hi hawn anness u mmarkata bhala Dok 'A';

2. Illi l-intimat intrabat illi jhallas lir-rikorrent kirja fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) fix-xahar, kif ukoll hamsin Ewro (€50) fix-xahar akkont tal-ispejjez ta' dawl u ilma u depozitu fl-ammont ta' erbgha mitt Ewro (€400);

3. Illi minkejja tali obbligazzjoni l-intimat naqas milli jonora l-obbligi kuntrattwali tieghu tant illi huwa ma hallasx lir-rikorrenti l-kirja ghax-xhur ta' Awwissu, Settembru u Ottubru tas-sena kurrenti 2015 u l-anqas l-pagament ghad-dawl u ilma ghall-istess xhur. Illi effettivament l-intimat naqas anke milli jhallas d-depozitu kollu tant illi ghad fadallu jhallas l-ammont ta' mitejn u hamsin (€250) akkont tad-depozitu;

4. Illi minkejja li r-rikorrenti ntavola ittra ufficjali bin-numru 3162/2015 datata sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (17/09/2015) fil-konfront tal-intimat, hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B' fejn interpellah ihallas, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk r-rikorrenti jrid li l-intimat jigi zgumbrat mill-fond li kien lilu mikri;

5. Illi sa fejn jaf l-istess rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda difiza x'jghati kontra t-talbiet tieghu;

6. Ir-rikorrenti jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. Jiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 16A ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid ta' Kiri ta' Bini;

2. Jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond urban 'Jean Flats, Flat 7, Triq it-Tempesta, Bugibba' u dan entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jimponi;

U dan previa kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 3162/2015 datata sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (17/09/2015) kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tal-25 ta' Novembru 2015 fl-4 ta' Mejju 2016;

Ra illi t-talba tar-rikorrent hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat m'ghandu l-ebda difiza valida x'jista' jaghmel skond il-ligi;

Ra illi l-intimat ma ressaq l-ebda nota ta' oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrent;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra illi l-intimat imsejjah diversi drabi ma deherx ghas-seduta tal-lum sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrent;

Iddecieda:

Ghaldaqstant, il-Bord peress illi jidhirlu li r-rikors odjern jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrent ikunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-

rikorrent u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefiggi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur